MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 15/2012/1

**DR. FRANCIS PORTANIER**

**Vs**

**KUMMISSARJU TAT-TAXXI**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva deciza fit-22 ta' Ottubru 2012, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal,*

*Ra r-Rikors ipprezentat minn Dr. Francis Portanier fis-27 ta' Frar 2012 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni u provvediment xieraq li jidhirlu opportun li jimponi, (i) jiddikjara u jiddeciedi li huwa hallas taxxa eccessiva li ma kienitx dovuta minhabba li l-pagamenti lilu moghtija mill-kumpannija Portanier Brothers Limited gew erronejament murija bhala pagamenti ta' salarji u (ii) jordna lill-Kummissarju tat-Taxxi [illum Direttur Generali (Taxxi Interi)] jilqa' t-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa mhallas minnu fil-perijodu mis-sena ta' stima 2004 sas-sena ta' stima 2009 u jirrifondi tali eccess skond it-termini ta' l-Artikolu 48(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez kontra l-Kummissarju tat-Taxxi;*

*Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 4 sa' 56 tal-process;*

*Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' liema jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) in linea preliminari r-Rikors promotur huwa irritu u null in kwantu l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta ma huwiex applikabbli fil-kaz in kwistjoni stante li l-Kummissarju tat-Taxxi fl-ebda hin ma ha decizjoni dwar ir-refuzjoni ta' taxxa dovuta ai termini ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u tali appell jittratta dwar vertenza li tirrigwarda l-accettazzjoni o meno ta' formoli ta' aggustament tad-dhul dikjarat sottomessi ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li kull persuna li tkun aggravata bid-decizjoni tal-Kummissarju dwar l-ammont li ghandu jithallas lura taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu jkollha l-istess jedd ghall-appell kontra dik id-decizjoni daqslikieku hija kienet aggravata bi stima maghmula dwarha, in kwantu l-ammonti li kkunsidra l-Kummissarju tat-Taxxi kienu dawk dikjarati mill-appellant fil-formoli tat-taxxa kif sottomessi minnu ghas-snin ta' stima 2004*

*sas-sena ta' stima 2009; (iii) skond il-prospetti ta' taxxa kif mibghuta mir-Rikorrent ghas-sena ta' stima 2004 sas-sena ta' stima 2009 tali refuzjoni qatt ma kienet tirrizulta li kienet dovuta u l-vertenza kienet dwar jekk il-formoli ta' aggustament, sottomessi ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, kienux ammissibbli o meno; u (iv) l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tar-Rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li – (a) kuntrarjament ghal dak allegat mir-Rikorrent, il-kont kif mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi inhareg a bazi tal-prospetti tat-taxxa kif sottomessi minnu stess ghas-snin ta' stima in kwistjoni a bazi ta' self assessment fejn huwa ddikjara dhul minn impjieg mal-kumpannija Portanier Brothers Limited; (b) permezz ta' ittra datata 15 ta' Dicembru 2009, ir-Rikorrent issottometta formola ta' aggustament ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 li permezz taghha talab lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jirriduci d-dhul tieghu kif dikjarat ghas-sena ta' stima 2004 sas-sena ta' stima 2009; (c) il-formoli ta' aggustament kif sottomessi mir-Rikorrent gew rifjutati in kwantu d-dhul li huwa xtaq inaqqas kien dhul dikjarat fid-dokumenti tal-Final Settlement System (FS7 u FS3) kif sottomessi mis-socjetà Portanier Brothers Limited bhala pagi mhallsa lill-impjegati u ghaldaqstant l-impjegat ma setghax inaqqas id-dhul tieghu ladarba dan kien dikjarat bhala income imhallas lilu sahansitra mis-socjetà li kienet timpjegah; (d) sussegwentement wara t-talba ulterjuri tar-Rikorrent sottomessa f'Dicembru 2011 biex id-dhul tieghu jigi ridott, it-talba tieghu giet milqugha ghas-sena ta' stima 2006 sas-sena ta' stima 2009 izda mhux ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 liema snin kienu lahqu gew preskritti ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u in oltre huwa gie infurmat illi l-kaz tieghu kien ser jigi mghoddi ghal audit enquiry fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxi Interni; (e) sussegwentement ukoll u wara li gie intavolat l-appell odjern, permezz ta' ittra datata 24 ta' Frar 2012 ir-Rikorrent talab lill-Kummissarju tat-Taxxi biex ma jiehux konjizzjoni tal-formoli ta' aggustament kif sottomessi minnu ghas-sena ta' stima 2006 sas-sena ta' stima 2009; (f) sa' llum l-ammonti huma kif dikjarati mill-appellant u fl-ebda hin il-Kummissarju ma ha decizjoni li ma jirrifondix taxxa mhallsa f'ammont akbar minn dak li kellu jigi*

*ntaxxat u tali refuzjoni ma tirrizultax ai fini ta’ l-Artikolu 48 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta; u (v) ladarba ma hemm l-ebda refuzjoni ta’ taxxa dovuta, il-Kummissarju tat-Taxxi qatt ma seta’ jiehu decizjoni dwar l-ammont ta’ refuzjoni ta’ taxxa dovuta u ghalhekk l-appell huwa inammissibbli;*

*Ra d-dokument Dok. “KTT1” anness mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 65 u 66 tal-process;*

*Ra l-atti l-ohra tal-kawza;*

***Ikkonsidra:***

*Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jitlob li t-Tribunal jiddikjara li huwa hallas taxxa eccessiva li ma kienitx dovuta minhabba li pagamenti effettwati lilu mis-socjetà Portanier Brothers Limited bejn is-snin 2003 sa' 2008 gew erronejament murija bhala pagamenti ta' salarju minflok hlasijiiet lura ta' shareholder's loan in precedenza moghti minnu lill-imsemmija socjetà u konsegwentement jordna lill-Kummissarju tat-Taxxi, illum Direttur Generali (Taxxi Interni), sabiex jirrifondilu l-eccess ta' taxxa imhallsa minnu ai termini ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. In risposta ghal dawn it-talbiet il-Kummissarju tat-Taxxi jilqa' fost affarijiet ohra bl-eccezzjoni preliminari li r-Rikors promotur huwa irritu u null stante li dak provdut fl-Artikolu 48(3) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax fil-kaz in ezami in kwantu ghada ma ttiehdet ebda decizjoni dwar it-talba tar-Rikorrent ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa li huwa jghid li hallas u s'issa l-unika kwistjoni li kien hemm decizjoni dwarha hija l-ammissibilità o meno tal-formuli ta' aggustament tad-dhul dikjarat sottomessi mir-Rikorrent mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni ai termini ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, minn*

*liema decizjoni ma hemmx lok ta' appell taht -Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghalkemm ai termini ta' l-Artikolu 3(2)(b) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, applikabbli ghal dan it-Tribunal bis-sahha ta' l-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva, fil-fehma tat-Tribunal dan il-provvediment tal-Ligi ma ghandux jigi applikat fil-kaz in ezami fejn qed tigi kontestata l-validità legali tal-proceduri istitwiti mir-Rikorrent. Ladarba l-Kummissarju tat-Taxxi qed jikkontendi li l-proceduri odjerni in kwantu istitwiti in bazi ghall-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, huma irriti u nulli, jehtieg li din il-kwistjoni tigi trattata u deciza qabel ma jigi trattat il-meritu tat-talbiet tar-Rikorrent. Ghaldaqstant, it-Tribunal se jipprocedi biex jippronunzja ruhu fir-rigward ta' din il-kwistjoni.*

*Mill-atti processwali jirrizulta li b' ittra datata 15 ta' Dicembru 2009 ir-Rikorrent gharraf lill-Kummissarju tat-Taxxi li s-socjetà Portanier Brothers Limited, li taghha huwa kien azzjonist u Direttur, waqfet topera f' Jannar ta' l-2002. Minhabba problemi finanzjarji li kellha din is-socjetà bhala azzjonist huwa kien avvanzalha fondi permezz ta' diversi shareholder's loans. Bejn l-2003 u l-2008 is-socjetà kienet irrifondieltu parti mill-fondi avvanzati bis-sharholder's loans izda dawn il-hlasijiet gew erronejament indikati bhala hlas ta' salarji lilu minflok bhala refuzjonijiet tas-self, bil-konsegwenza li huwa hallas taxxa in eccess minn dak minnu realment dovut. In vista ta' dan huwa talab il-korrezzjoni ta' l-FSS documents ghall-fini li l-ammonti minnu indikati f'dik l-ittra jigu reversed. Fl-istess ittra r-Rikorrent ippremetta wkoll li it is pertinent to note that my son and I have prepared adjustment forms in order to reflect the above corrections which adjustment forms are hereby being submitted. In this regard, the FSS tax payments withheld by the Company on behalf*

*of myself and my son have been shown as tax paid by us for the purposes of completing the relative adjustments forms.*

*Il-formuli ta' aggustament sottomessi mir-Rikorrent ma gewx dak iz-zmien ammessi mill-Kummissarju tat-Taxxi u permezz ta' ittra datata 14 ta' Jannar 2011, ir-Rikorrent mill-gdid issottometta l-formuli ta' aggustament ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009 u ai termini ta' l-Artikolu 48(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, ghamel talba formali ghar-refuzjoni tas-somma komplessiva ta' €7,626 rapprezentanti skontu l-eccess ta' taxxa minnu imhallas ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009. B'ittra datata 24 ta' Jannar 2012 il-Kummissarju tat-Taxxi informa lir-Rikorrent li please note that the further returns for years of assessment 2004 and 2005 are time-barred and thus cannot be accepted as valid u li those for years of assessment 2006 to 2009 are being acknowledged and processed. However an audit enquiry will be initiated on these years in the forthcoming days.*

*Ir-Rikorrent interpreta dik l-ittra tal-Kummissarju tat-Taxxi bhala rifjut tat-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu mhallas ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009 u ghadda biex intavola l-proceduri odjerni ai termini ta' l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Mir-Riskors promotur, mir-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi u mis-sottomissjonijiet avvanzati mill-partijiet kontendenti jirrizulta li qed jaghtu interpretazzjonijiet dijametrikalment opposti ghal xulxin ta' dan il-provvediment tal-Ligi. L-interpretazzjoni li r-Rikorrent jaghti ghal dan il-provvediment tal-Ligi hija wahda piuttost wiesgha u jikkontendi li ghaliex fost affarijiet ohra l-Kummissarju tat-Taxxi ddecieda li jiftah audit enquiry fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 2006 sa' 2009, dana necessarjament ifisser li bl-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2012 t-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa mhallas minnu giet rifjutata mill-Kummissarju. Min-naha l-ohra l-interpretazzjoni li l-Kummissarju tat-Taxxi jaghti*

*lil dan il-provvediment tal-Ligi hija estremament restrittiva u jikkontendi li siccome il-kwistjoni trattata bl-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2012 tikkoncerna l-ammisiblità o meno ta' formuli ta' aggustament u mhux ukoll ammont ta' refuzjoni li qual' volta jista' jkun dovut lir-Rikorrent, ma ttiehditx decizjoni ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-imsemmi artikolu jipprovdi li kull persuna li tkun <u>aggravata bid-decizjoni tal-Kummissarju dwar l-ammont li ghandu jithallas lura taht id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu</u> jkollha l-istess jedd ghall-appell kontra dik id-decizjoni daqs li kieku hija kienet aggravata bi stima maghmula dwarha.*

*Wara li qies sew l-posizzjonijiet rispettivi tal-partijiet kontendenti kif ukoll il-provvedimenti tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta u partikolarment ta' l-Artikolu 48, it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li la jista' jaqbel ghal kollox ma' l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta moghtija mir-Rikorrent u lanqas jista' jaqbel ghal kollox ma' l-interpretazzjoni moghtija ghal dak l-artikolu tal-Ligi mill-Kummissarju tat-Taxxi.*

*Ai termini ta' l-Artikolu 48(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta tax payer li f'xi sena ta' stima jkun hallas taxxa, bi tnaqqis jew xort'ohra, b'izjed mill-ammont li bih huwa proprjament ghandu jigi intaxxat, jista' jaghmel talba lill-Kummssarju tat-Taxxi biex jirrifondilu tali ammont imhallas b'eccess u ai termini ta' l-Artikolu 48(3) ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligi, it-tax payer jista' jappella mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar it-talba tieghu. Huwa ferm evidenti minn dak dispost fl-imsemmi Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta li l-jedd ta' appell jiskatta biss una volta li jkun hemm decizjoni da parte tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar it-talba ghar-refuzjoni izda, fil-fehma tat-Tribunal risposta mill-Kummissarju tat-Taxxi dwar tali talba li, ghad illi fiha ma jkollhiex kliem specifici bhala "rifjut" u "cahda" u ma ssemmi xejn dwar ammont/i ta' refuzjoni, tammonta ghal decizjoni ghall-finijiet ta' l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta kemm-il darba l-implikazzjoni ta' tali risposta effettivament tkun li t-talba tat-tax*

*payer tkun qed tigi michuda. L-implikazzjoni tar-rifjut però trid tirrizulta b'mod car mir-Risposta moghtija mill-Kummissarju tat-Taxxi u mhux tkun mera supposizzjoni da parte tat-tax payer ta' x'jista' jigi eventwalment deciz mill-Kummissarju fl-ipprocessar tat-talba tieghu.*

*Fil-kaz in ezami l-Kummissarju tat-Taxxi laqa' ghat-talba tar-Rikorrent ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009 bir-risposta li the further returns for years of assessment 2004 and 2005 are time-barred and thus cannot be accepted as valid u li those for years of assessment 2006 to 2009 are being acknowledged and processed. However, an audit enquiry will be initiated on these years in the forthcoming days. Huwa evidenti li din ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi hija maqsuma f'zewg partijiet distinti: dik il-parti li tittratta s-snin ta' stima 2004 u 2005 u l-parti li tittratta s-snin ta' stima 2006 sa' 2009, u t-Tribunal fil-fatt se jittrattahom bhala tali.*

*Meta l-portata u l-implikazzjoni tar-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi relattivament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 tigi kkunsidrata fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari li fuqhom ir-Rikorrent jibbaza t-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas, jirrizulta immedjatament evidenti li t-talba tieghu relattiva ghall-imsemmija snin ta' stima qed tigi michuda mill-Kummissarju tat-Taxxi.*

*Mill-atti processwali jirrizulta b'mod car hafna li t-talba tar-Rikorrent ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas ghas-snin ta' stima 2004 sa' 2009 hija intrinsikament marbuta mal-formuli ta' aggustament ghall-istess imsemmija snin sottomessi mir-Rikorrent lill-Kummissarju tat-Taxxi b'ittra datata 15 ta' Dicembru 2009 u mill-gdid b'ittra datata 14 ta' Frar 2011, fejn appuntu ressaq it-talba tieghu ghar-refuzjoni ai termini ta' l-*

*Artikolu 48(1) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta’ Malta. In effetti fir-Rikors promotur tieghu wara li jippremetti li l-hlasijiet b’refuzjoni ghall-ammonti minnu avvanzati lis-socjetà Portanier Brothers Limited permzz ta’ shareholder’s loan effettwati favur tieghu mill-imsemmija socjetà bejn l-2003 u l-2008 gew erronejament indikati bhala hlas ta’ salarju tul l-imsemmi perjodu flok refuzjonijiet ta’ shareholder’s loans, ir-Rikorrent jikkontendi li r-rikorrent xtaq li jirranga dan l-izball u ghaldaqstant talab lill-Kummissarju permezz ta’ l-ittra bid-data 15 ta’ Dicembru 2009 li d-dokumentazzjoni skond il-Ligi ta’ l-FSS li kienet giet sottomessa bil-pagamenti relattivi, tigi aggustata u fil-fatt, ghan-nom tal-kumpanija, issottometta il-formoli ta’ l-FSS aggustati ... Barra minhekk, ghal din ir-raguni, ir-rikorrent issottometta l-formoli ta’ aggustament fl-istess zmien... Illi l-Kummissarju baghat lura l-formuli ta’ aggustament sottomessi u wara dan sar meeting fit-22 ta’ Frar 2010 bejn rapprezentanti tar-rikorrent u tal-Kummissarju biex jiddiskutu l-kaz. Imma sfortunatament dan ma wassalx ghal xi qbil. Illi peress li ma ntlahaq ebda qbil, ir-rikorrent, permezz ta’ ittra bid-data 14 ta’ Frar 2011 (imma sottomess lill-Kummissarju fil-bidu ta’ Dicembru 2011) indirizzata direttament lill-Kummissarju ... ghamel it-talba tieghu fit-termini permessi mill-Artikolu 48(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, ghal rifuzjoni ta’ l-ammont ta’ taxxa li kien imhallas b’eccess ghax mhux dovut minnu li tirrizulta mill-fatt li l-pagamenti maghmula lir-rikorrent mill-kumpanija gew erronejament rekordjati fid-dokumenti ta’ l-FSS bhala salarji pagabbli lir-rikorrent. Ma’ din l-ittra r-rikorrent rega’ issottometta l-formuli ta’ aggustament biex, jekk il-Kummissarju jaqbel mat-talba ta’ refuzjoni, dan ikollu l-formoli ta’ aggustament f’idejh permess li dawn il-formuli huma noramlment necessarji biex ir-records tad-Dipartiment jigu aggustati. Illi b’ittra datata 14 ta’ Frar 2011 (imma sottomessa lill-Kummissarju fil-bidu ta’ Dicembru 2011) il-kumpanija regghet issottomettiet il-formuli ta’ l-FSS aggustati biex ma jurux l-ammonti li gew imhallsa lir-rikorrent bhala salarji u dan biex tirranga l-izball li kien sar.*

*B'hekk ladarba mill-ittra tal-Kummissarju tat-Taxxi datata 24 ta' Jannar 2012 jirrizulta li ma huwiex dispost jammetti l-formuli ta' aggustament ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 sottomessi mir-Rikorrent ghaliex skontu preskritti a tenur ta' l-Artikolu 13(4) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta*[1]*, necessarjament isegwi li ghall-Kummissarju jibqghu jghoddu l-prospetti ta' taxxa sottomessi mir-Rikorrent fiz-zminijiet relattivi, ossia l-prospetti ta' taxxa ghas-snin ta' stima 2004 u 2005, minn liema ma tirrizulta ebda refuzjoni dovuta lill-istess Rikorrent. Konsegwentement ghalhekk jigi li l-Kummissarju tat-Taxxi qed jichad it-talba tar-Rikorrent ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 stante li tali hlas b'eccess ma jirrizultax mill-prospetti ta' taxxa minnu ammessi – ossia dak originarjament sottomessi mir-Rikorrent ghas-snin ta' stima 2004 u 2005.*

*Fid-dawl ta' dan appena osservat ma ghandu jkun hemm ebda dubju li r-Rikorrent ghandu jedd jappella mid-decizjoni – ghax ta' decizjoni fil-fatt si trattata – tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar it-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 ai termini ta' l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk l-eccezzjoni ta' l-irritwalità u nullità tal-proceduri istitwiti mir-Rikorrent vis-a-vis dik il-parti tar-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi ta' l-24 ta' Jannar 2012 relattiva ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 ma tisthoqqx li tigi milqugha.*

*L-istess però ma jistax jinghad ghall-parti tar-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi ta' l-24 ta' Jannar 2012 li tittratta dwar is-snin ta' stima 2006 sa' 2009. Jigi ribadit li bl-imsemmija ittra l-Kummissarju tat-Taxxi gharraf lir-Rikorrent li those for years of assessment 2006 to 2009 are being acknowledged and processed.*

[1] Para. 1 tar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi.

*However, an audit enquiry will be initiated on these years in the forthcoming days. Huwa evidenti li fil-kaz ta' l-imsemmija snin ta' stima l-formuli ta' aggustament sottomessi mir-Rikorrent gew ammessi mill-Kummissarju tat-Taxxi izda, it-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas ghas-snin ta' stima 2006 sa' 2009 ghadha qed tigi kkunsidrata u decizjoni dwarha tinghata biss wara li jigi konkluz l-audit enquiry li nbeda jew se jinbeda fil-konfront tieghu.*

*Fir-Rikors promotur tieghu r-Rikorrent jikkontendi li minghajr pregudizzju ghal dawn il-procedimenti u t-talbiet relattivi pendenti d-decizjoni ta' dan it-Tribunal, ir-rikorrent kiteb ittra datata 24 ta' Frar 2012 ... lill-Kummissarju sabiex dan ta' l-ahhar ma jipprocessax il-formoli ta' aggustament ghax ladarba l-Kummissarju ma accettax it-talba ghall-refuzjoni (ghax qal li se jiftah 'audit enquiry') huwa ghalxejn u ma jaghmel l-ebda sens li hu jipprocessa l-formuli ta' aggustament biex imbaghad jaghmel 'audit enquiry'. Darba li ma jaqbilx mat-talba ghandu jinforma lir-rikorrent b'dan u jieqaf hemm. Il-processar tal-formuli ta' aggustament iwasslu ghal haga wahda biss. Haga li hi digà ovvja mill-ittra tal-Kummissarju. Din hi li peress li l-Kummissarju ma jaqbilx mat-talba, dan johrog likwidazzjoni lir-rikorrent u jimponilu taxxa addizzjonali li tista' tvarja minn 0.1% sa' 6% fix-xahar minhabba ommissjoni li tibda tiddekorri mid-data ta' settlement ta' taxxa – tax return date u dan allavolja r-rikorrent mhux qieghed jahbi xejn. Dan jigri minhabba li l-formoli tat-taxxa kif aggustati skond il-formoli ta' aggustament ma jkunux jaqblu mad-dokumentazzjoni ta' l-FSS bil-konsegwenza li jigi meqjus li hemm dhul mhux dikjarat. Fil-fehma tat-Tribunal però din il-kontestazzjoni hija bbazata fuq mera supposizzjoni tar-Rikorrent ta' skontu x'se jkun l-ezitu ta' l-audit enquiry li l-Kummissarju tat-Taxxi beda jew bi hsiebu jibda fil-konfront tieghu, liema supposizzjoni ma hija sorretta jew konfermata bl-ebda mod.*

*Audit enquiry huwa process ta' verifika li jista' jigi ordnat mill-Kummissarju tat-Taxxi biex tigi verifikata l-veracità ta' dak dikjarat mit-tax payer fil-prospett/prospetti ta' taxxa minnu sottomessi, fil-kaz in ezami dikjarat mir-Rikorrent fil-formuli ta' aggustament minnu sottomessi ghas-snin ta' stima 2006 sa' 2009. Il-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi jgharraf lit-tax payer li se tinbeda audit enquiry fil-konfront tieghu mhux necessarjament ifisser li l-Kummissarju jqis li t-tax payer huwa dizonest u qed jipprova jevadi l-hlas tat-taxxa minnu dovuta, izda li jehtieg verifiki w informazzjoni ulterjuri dwar dak dikjarat mit-tax payer dwarbid-dhul tieghu tul sena jew snin partikolari. Bl-istess mod il-fatt li l-Kummissarju tat-Taxxi fil-kaz in ezami gharraf lir-Rikorrent li se tinbeda audit enquiry fil-konfront tieghu ghas-snin ta' stima 2006 sa' 2009, ma jfissirx li t-talba tieghu ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas tul l-imsemmi zmien qed tigi michuda, izda f'dan l-istadju semplicement tfisser li l-Kummissarju jrid li jsiru verifiki ulterjuri dwar dak issa dikjarat mir-Rikorrent fil-formuli ta' aggustament minnu  sottomessi ghas-snin ta' stima in kwistjoni. Certament fi stadju fejn l-audit enquiry tkun ghada lanqas bdiet jew tkun fl-stadji inizjali ma jistax a priori jinghad jew jigi konkluz mit-tax payer li l-iskop u r-rizultat ahhari ta' tali enquiry se tkun mhux biss ic-cahda tat-talba minnu avvanzata lill-Kummissarju tat-Taxxi izda addirittura l-imposizzjoni ta' taxxa addizzjonali. F'dan l-istadju ghalhekk ma jistax jigi kkunsidrat li tissussisti decizjoni li minnha jista' jigi intavolat appell ai termini ta' l-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant l-eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxi dwar l-irritwalità u nullità tal-proceduri istitwiti mir-Rikorrent in kwantu rigwarda l-posizzjoni minnu adottata ghas-snin ta' stima 2006 sa' 2009 tirrizulta gustifikata u ghaldaqstant tisthoqq li tigi milqugha.*

*Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' in parte l-eccezzjoni ta' l-irritwalità u nullità tal-proceduri istitwiti mir-Rikorrent in kwantu rigwarda l-posizzjoni adottata mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra tieghu ta' l-24 ta' Jannar 2012 ghas-snin ta' stima 2006 sa' 2009, jichad l-istess eccezzjoni fir-rigward tad-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi moghtija fl-24 ta' Jannar 2012 in kwantu rigwarda t-talba tar-Rikorrent ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas ghas-snin ta' stima 2004 u 2005, u jordna l-prosegwiment tas-smigh ta' dan l-Appell in kwantu intavolat mid-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi ta' l-24 ta' Jannar 2012 dwar it-talba tar-Rikorrent ghar-refuzjoni ta' l-eccess ta' taxxa minnu allegatament imhallas ghas-snin ta' stima 2004 u 2005.*

*L-ispejjez jibqghu riservati ghall-gudizzju finali."*

Illi aggravat minn dina d-decizjoni r-rikorrenti Dr. Francis Portanier interpona appell lil din il-Qorti fejn ressaq is-segwenti lanjanza:

1. Illi l-artikolu 48(1) ta'l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa jispecifika illi jekk jigi ippruvat b'sodisfazzjoni tal-Kummissarju illi xi persuna f'xi sena ta' stima hallset taxxa, bi tnaqqis jew xort'ohra, b'izjed mill-ammont li bih hija proprjament ghandha tigi intaxxata, dik il-persuna ikollha il-jedd li l-Kummissarju jirrifondilha l-ammont hekk imhallas b'eccess. Ir-rikorrenti ghamel dan permezz ta' ittra datata 14 ta' Frar 2011. Illi b'ittra datata 24 ta' Jannar 2012, il-Kummissarju wiegbu illi fir-rigward tas-snin ta' stima 2004 u 2005, it-talba tieghu kienet giet preskritta u ghalhekk ma setatx tigi accetata, madankollu l-formoli sottomessi minnu ghal aggustament ghas-snin ta' stima 2006 sa 2009 kienu qed jigu accettati u ipprocessati u li kienet ser tinbeda "audit enquiry" in konnessjoni ma' dawn l-istejjem. Ir-rikorrenti appella minn din id-decizjoni tal-

Kummissarju li fil-fehma ta'l-appellanti kellha titqies bhala decizjoni ta' rifjut illi jinghata ir-rifuzjoni ghal taxxa imhallsa zejda. Illi d-decizjoni parzjali tat-Tribunal illi tali decizjoni maghmula mill-Kummissarju ghar-rigward tas-snin ta' stima 2006 sa 2009 ma kenitx wahda defintitiva fit-termini ta'l-artikolu 48(3) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta u kwindi illi l-azzjoni intentata mill-appellanti kienet irrita u nulla hija legalment zbaljata.

Illi il-Kummissarju appellat jilqa' preliminarjament ghal dana l-appell billi jissolleva il-pregudizzjali dwar l-irritwalita ta'l-istess ghaliex ma giex mitlub il-permess mill-appellanti sabiex iressaq l-appell tieghu minn decizjoni parzjali u dana a tenur ta'l-artikolu 231(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellanti ma jaqbilx ma dina l-linja difenzjonali u dana ghaliex jikkontendi illi id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 12 ma ghandhomx isibu applikazzjoni ghall-ligi specjali li tirregola l-procedura quddiem it-Tribunal.

Illi irid jigi puntwalizzat, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi id-decizjoni tat-Tribunal tista' tinqasam f'zewg kapi separati billi fl-ewwel parti taghha, d-decizjoni cahhdet it-talba ta'l-appellanti fir-rigward tas-snin ta' stima 2006 sa 2009 billi fil-fehma tat-Tribunal, il-Kummissarju kien ghadu ma lahqax decizjoni finali in konnessjoni ma'l-imsemmija snin billi kien irrefera l-applikazzjoni maghmula mill-appellanti ghal *audit enquiry*. Illi ghar-rigward tas-snin ta' stima 2004 u 2005, fejn allura il-Kummissarju kien lahaq decizjoni fl-24 ta' Jannar 2012 illi t-talba ta'l-appellanti kienet preskritta, it-Tribunal cahad l-ececzzjoni sollevata mill-Kummissarju dwar l-irritwalita' tat-talba u ordna il-prosegwiment tas-smigh tal-kaz limitatament ghal dawn is-snin ta' stima. Fil-fatt l-appell odjern huwa cirkoskritt ghas-snin ta' stima 2006 sa 2009.

Illi dan premess allura ma hemmx dubbju illi id-decizjoni parzjali moghtija mit-Tribunal investiet zewg kwistjonijiet differenti meta giet biex tqies l-eccezzjoni

ta'l-irritwalita ta'l-azzjoni sollevata mill-Kummissarju u dana billi ghalkemm kien jidher fil-fehma tat-Tribunal illi seta' isir appell mid-decizjoni tal-Kummissarju a tenur ta'l-artikolu 48(3) tal-Kapitolu 372 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-snin ta' stima 2004 u 2005 ghaliex d-decizjoni tal-Kummissarju kienet wahda finali, l-istess ma setax jinghad ghar-rigward tas-snin ta' stima 2006 sa 2009 fejn allura it-talba ta'l-appellanti kienet wahda prematura.

Illi it-triq maghzula mit-Tribunal illi jitratta l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissarju qabel kull kwistjoni ohra fil-mertu u li dik l-istess eccezzjoni tigi deciza prelimiarjament qabel ma jigu decizi kwistjonijiet ohra rimessi ghal gudizzju tieghu, wassal sabiex l-istess Tribunal tbieghed minn dak dispost fl-artikolu 3(2)(b) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta fejn hemm dispost illi fil-kawzi pendenti quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, "***it-Tribunal ghandu jaghti decizjoni wahda dwar il-kwistjonijiet kollha involuti fil-kawza kemm jekk ikunu ta' natura preliminari, procedurali jew sostantiva.***"

Jikkonsegwi ghalhekk in-nuqqas ta' disposizzjoni *ad hoc* fil-ligi specjali li tirregola il-procedura li ghandha tigi segwita quddiem it-Tribunal dwar l-appell minn sentenza parzjali. F'dan il-kaz, madanakollu it-Tribunal xortawahda kien tal-fehma illi kellha tinghata decizjoni *in parte* sabiex tigi ikkunsidrata l-eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju dwar l-irritwalita ta'l-azzjoni intentata. Ighid hekk it-Tribunal fid-decizjoni tieghu:

"***… fil-fehma tat-Tribunal dan il-provvediment tal-Ligi ma ghandux jigi applikat fil-kaz in ezami fejn qed tigi kontestata l-validita legali tal-proceduri istitwiti mir-rikorrent. Ladarba l-Kummissarju tat-Taxxi qed jikkontendi li l-proceduri odjerni in kwantu istitwiti in bazi ghall-Artikolu 48(3) tal-Kap.372 tal-Ligijiet ta' Malta, huma irriti u nulli, jehtieg li din il-kwistjoni tigi trattata u deciza qabel ma jigi trattat il-meritu tat-talbiet tar-Rikorrent. Ghaldaqstant,***

***it-Tribunal se jipprocedi biex jippronunzja ruhu fir-rigward ta' din il-kwistjoni.***"

Rinfaccjata allura b'din is-sitwazzjoni fejn ghalkemm il-ligi specjali ma taghtix il-jedd lit-Tribunal li jaghti iktar minn sentenza wahda ghal diversi kwistjonijiet pendenti quddiemu, it-Tribunal xortwahda ghadda sabiex jaghti decizjoni parzjali, il-Qorti ma tistax hlief, fl-assenza ta' regoli specjali f'dan ir-rigward, tapplika id-disposizzjonijiet generali tal-Kodici ta'l-Organizazzjoni u Procedura Civili, li *del resto* issir referenza ghalihom ukoll fil-Kapitolu 490, meta jinghad:

**"Kull parti fil-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' dak it-Tribunal tista' tappella quddiem il-Qorti tal-Appell fil-kompetenza tagħha superjuri jew dik inferjuri.**

**Ir-rikors tal-appell għandu jiġi preżentat fir-Reġistru kompetenti skond ma hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."**

Illi l-artikolu 231 tal-Kodici ta'l-Organizazzjoni u Procedura Civili jirregola l-procedura li ghandha tigi segwita meta f'kawza wahda jinqatghu diversi kwistjonijiet b'sentenzi separati meta jinghad:

**"Jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jinqatgħu b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawk is-sentenzi wara s-sentenza finali u fiż-żmien li jmiss li jibda jgħodd mill-jum meta tingħata l-aħħar sentenza; u f'dak l-appell għandhom jissemmew espressament is-sentenza jew sentenzi li minnhom isir appell:**
**Iżda appell minn dawk is-sentenzi separati jista' jsir qabel l-aħħar sentenza biss bil-permess tal-qorti mogħti fil-qorti bil-miftuħ; u din it-talba għal permess biex isir appell għandha ssir jew verbalment meta tingħata s-sentenza jew b'rikors fi żmien sitt ijiem minn dik is-sentenza u meta jingħata dak il-permess biex isir appell minn dawk is-sentenzi separati, iż-żmien biex jiġi preżentat l-appell relattiv għandu jibda għaddej mill-jum minn meta jingħata dak il-permess fil-qorti bil-miftuħ."**

Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi din il-procedura ma gietx sewgieta mill-appellanti qabel ma huwa intavola l-proceduri ta'l-appell odjern. Dan ifisser allura illi l-pregudizzjali sollevata mill-Kummissarju appellat jisthoqqilha

akkoljiment. Dana dejjem minghajr pregudizzju ghad-dritt ta’l-appellanti illi iressaq l-appell tieghu mid-decizjoni appellata wara li tinghata s-sentenza finali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara l-appell intavolat mill-appellanti bhala wiehed irritu u null u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

L-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jigu sopportati mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------